**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar is-26 ta' Mejju 2025

Avviż Numru: 107/2023NHV

**Jaice Gatt**
K.I. 252399M

**vs**

**Dennis Schwienbacher**
K.I. 563192M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' April 2023[1], li permezz tiegħu, l-attriċi talbet lill-konvenut iħallas is-somma ta' sebat elef Ewro (€7000) rappreżentati danni sofferti minnha skont ftehim datat 29 ta' Marzu 2022[2], flimkien mal-ispejjeż u imgħax sad-data tal-pagament.

[1] Fol. 1 tal-proċess;
[2] Fol. 2 tal-proċess;

Rat li din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet appuntat din il-kawża għas-smigħ għas-seduta tat-18 ta' Settembru 2023.

Rat li l-partijiet ġew debitament notifikati bl-avviż.[3]

Rat ir-**risposta** tal-intimat Dennis Schweinbacher fejn laqa' għat-talbiet magħmula mir-rikorrenti, kif ġej:[4]

"*1. L-irritwalità ta' l-azzjoni stante li l-allegat skrittura ta' ftehim esebita u annessa mhix ftehim peress li għandu mankanti l-kawża u l-oġġett tal-ftehim.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont se mai dovut huwa ferm inqas stante pagament fil-mori.*

*3. Illi dak dikjarat fid-dokument esebit m'għandux irbit peress li kif se jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża, saret taħt pressjoni.*

*Bl-ispejjeż.*"

Rat li l-Partijiet iddikjaraw li l-ewwel eċċezzjoni għandha tiġi trattata mal-mertu wkoll b'sentenza waħda.[5]

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mir-rikorrenti fl-atti ta' din il-kawża, fosthom:

---

[3] Jaice Gatt – a fol. 3 tal-proċess; u eventwalment Dennis Schweinbacher permezz tal-proċedura ta' publikazzjoni u affissjoni a fol. 7 tal-proċess;
[4] Fol. 9 tal-proċess;
[5] Verbal tas-seduta miżmuma nhar it-28 ta' Novembru 2023, a fol. 8 tal-proċess;

Xehdet bil-ġurament Jaice Gatt[6] fejn stqarret li waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq il-karozza tagħha Audi, kellhom inċident bl-istess karozza. Hi kienet xtrat il-karozza għal €18,000, u peress li l-konvenut ma setax iħallasha lura dak iż-żmien, tgħid li kienu ddeċidew li jagħmlu skrittura biex wara li jbiegħ il-post tiegħu ġo Marsaskala jħallasha lura €7,000 peress li hi riedet tixtri karozza oħra. Hi tgħid li kien xtara post ġo Marsaskala u li kienet sabet il-kuntratt.

In kontro-eżami kkonfermat li l-konvenut kien qiegħed isuq il-karozza tagħha u kien jinsisti li jsuqha hu u ma kellhiex għażla oħra ħlief li tħallih isuq il-vettura.

Xehed bil-ġurament Carmelo Gatt[7] fejn stqarr li huwa jaf lill-konvenut għaliex kien f'relazzjoni mat-tifla tiegħu Jaice Gatt, u li Gatt u Schwienbacher kellhom inċident bil-karozza tat-tifla tiegħu. Jispjega li l-karozza kienet tiswa 'l fuq minn €18,000 u kienu se jixtru karozza oħra li tiswa €7,000. Jgħid li Schwienbacher ried iħallas il-karozza bil-kambjali, iżda x-xhud offra li jħallas is-somma immedjatament u l-konvenut kien qallu li meta jbiegħ il-post tiegħu ta' Marsaskala huwa jħallsu s-sebat'elef Ewro. Jindika li kien hemm hu stess, Jaice Gatt u Dennis Schwienbacher preżenti għal din il-konverżazzjoni, u kienet saret għall-ħabta ta' Marzu 2022.

In kontro-eżami huwa qal li l-vettura kienet tal-għamla Audi u ma kienx ċert tal-mudell innifsu. Huwa kkonferma li Schwienbacher kien ftiehem li wara li jbiegħ il-post iħallas lura l-ammont. Meta mistoqsi minn ħallas huwa qal li kien hu stess flimkien mat-tifla li ħallas lill-venditur tal-karozza – €3500 hu u €3500 it-tifla Jaice. Huwa kkonferma li Schwienbacher kiteb l-iskrittura li hemm ippreżentata mal-avviż, u li minkejja li ġie suġġerit li ma saritx fil-preżenza tiegħu, ix-xhud insista li kien preżenti għal dan.[8]

In ri-eżami qal li huwa sellef il-flus lil bintu Jaice Gatt u in kontro-eżami qal li ma għandux skrittura mat-tifla li juri dan għaliex ma ħassx il-ħtieġa li jagħmel tali skrittura ma' bintu stess. Huwa baqa' jinsisti li l-flus ħariġhom għat-tifla u huma flus tal-familja.

Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti, u ċioè: sensiela ta' messaġġi bejn il-kontendenti, skrittura privata, ritratti tal-inċident, kopja tal-logbook tal-vettura Audi, rapport mediku wara l-inċident u ritratti ta' ġrieħi[9].

[6] Xehdet viva voce quddiem il-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta ta' nhar l-14 ta' Frar 2024, a fol. 20 sa 23 tal-proċess;

[7] Xehed viva voce quddiem il-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta ta' nhar l-14 ta' Frar 2024, a fol. 14 sa 19 tal-proċess;

[8] Fol. 2 tal-proċess;

[9] Fol. 26 sa 40 tal-proċess;

Semgħet lill-konvenut Dennis Schwienbacher[10], mressaq bħala xhud mir-rikorrenti, fejn stqarr li kien f'relazzjoni mal-attriċi għal sena fis-sena 2021. Jgħid li fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom kellhom inċident bil-karozza A1 ta' Jaice Gatt waqt li kien qiegħed isuq hu. Meta muri l-iskrittura a fol 2 tal-proċess, huwa għaraf il-firma tiegħu, iżda jgħid li dak iż-żmien li ffirma kien taħt trawma u xokk. Meta mistoqsi jekk kellux ċertifikat mediku għal dan l-istat, huwa qal li anqas jaf li jeżisti tali tip ta' ċertifikat. Huwa qal li l-messaġġi li kien bagħat lill-attriċi jgħid li se jħallasha l-ammont kien bgħathomlha xi jumejn wara li ħassru r-relazzjoni tagħhom u kien qiegħed jittama li jerġgħu jidħlu fir-relazzjoni flimkien. Jgħid li l-iskrittura ta' bejniethom kienet saret ferm wara l-inċident xi sena wara iżda fiż-żmien li kienu għadhom fir-relazzjoni flimkien. Il-konvenut qal li ma baqax dispost li jħallas la bdew dawn il-proċeduri. Ix-xhud ikkonferma li huwa biegħ proprjetà meta ġie mistoqsi dwar dan. Huwa kkonferma li ma kienx imħarrek il-Qorti biex jixhed dwar l-inċident stradali.

Rat li waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024[11], ir-rikorrenti ddikjarat li m'għandhiex aktar provi.

Rat il-**provi** kif prodotti mill-intimat.

Rat dak li xehed il-konvenut Dennis Schwienbacher, permezz ta' affidavit[12] fejn stqarr li ltaqa' mal-attriċi fis-sena 2021 u damu f'relazzjoni flimkien għal sena, u kienu jgħixu flimkien tul dan iż-żmien, jgħid li kien jikkontribwixxi għal dak li kellha bżonn kemm Jaice Gatt kif ukoll it-tifel tagħha. Jgħid li kien jgħixu flimkien f'appartament li kienet sellfitu ommu u dan peress li Gatt ma kellhiex fejn toqgħod. Jgħid li huma t-tnejn kellhom vettura, iżda meta joħorġu kienu jużaw il-vettura ta' Gatt, u kien isuq hu għaliex hi ma kinitx tkun trid issuq. Jirreferi għall-inċident li kellhom fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom bil-karozza ta' Gatt, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura hu stess, u jgħid li kien offra li jużaw il-karozza tiegħu għal dak kollu li kien hemm bżonn anke fir-rigward tal-minuri, u dan anke fid-dawl li Gatt damet xhur sħaħ mingħajr vettura. Huwa qal li r-relazzjoni li kellhom tant kienet tajba li kienu anke siefru flimkien biex tiltaqa' mal-familja tiegħu flimkien ma' binha, u Schwienbacher kien ħallas kollox hu.

L-intimat jgħid li Gatt kienet tbgħati minn anzjetà kbira tul ir-relazzjoni tagħhom. Jirreferi għall-anniversarju ta' għeluq l-ewwel sena tagħhom, u jgħid li Gatt li kienet urietu li kienet kuntenta ħafna bir-relazzjoni tagħhom, bħalma kien hu; iżda jgħid li l-għada Gatt kienet qaltlu li tixtieq tieqaf mir-relazzjoni tagħhom, u hu kien ħadha bi

---

[10] Xehed viva voce quddiem din il-Qorti kif preseduta waqt is-seduta ta' nhar il-21 ta' Ottubru 2024 a fol. 45 sa 52 tal-proċess;
[11] Fol. 139 tal-proċess;
[12] Ippreżentat nhar il-21 t'Ottubru 2024, a fol. 54 u 55;

kbira ħafna. Jgħid li biex ma jitlifx lil Gatt hu kien qalilha li se jħallasha xi flus tal-karozza li kienet inkissret kważi sena qabel biex jirranġa r-relazzjoni tagħhom. Huwa qal li kien kiteb li kien se jagħtiha l-flus fuq karta li kienet irċevuta ta' kont, u jinsisti li kien mifxul u mgerfex, u jinsisti li dak kien kitbu biss biex jipprova jirbaħ lil Gatt lura. Huwa jgħid li wara l-inċident huwa kien ta sufan ġdid fjamant lill-attriċi, hu kien xtrah għall-post tiegħu ta' Marsaskala, iżda dan is-sufan kien baqa' għand Gatt. Huwa jgħid li wara li ħadet is-sufan qatt ma kienet issemmiet il-vettura u qatt ma kienet talbitu jħallas għall-karozza. Jinsisti u jgħid li kieku kellu ħsieb li jħallasha l-flus, kien imur għand Nutar jew Avukat u jara li mill-ammont jitnaqqas it-€3000 li huwa l-valur tas-sufan. L-intimat qal li kien żmien diffiċli għalih u kien qiegħed jipprova jagħmel minn kollox biex ir-relazzjoni tiegħu ma' Gatt ma tispiċċax.

Rat li fis-seduta miżmuma nhar it-13 ta' Jannar 2025, l-intimat iddikjara li ma fadallux aktar provi x'iressaq.[13]

Għalhekk fl-istess udjenza miżmuma nhar it-13 ta' Jannar 2025, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq.

Rat li l-Partijiet ingħataw xahar kull wieħed sabiex iressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom.

Rat li l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għat-12 ta' Mejju 2025.

Rat li għalkemm il-Partijiet ingħataw il-fakoltà u ż-żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, huma għażlu li ma dan ma jagħmluhx. Għalkemm sussegwentement, wara l-għeluq tat-terminu u cioe nhar it-tmienja ta' Mejju 2025, l-intimat ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sabiex b'hekk il-Qorti ġiet kostretta tressaq id-data tas-sentenza sabiex tieħu konjizzjoni tal-imsemmija nota.

Rat li l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għal-lum is-26 ta' Mejju 2025.

## Kunsiderazzjonijiet

Illi din il-kawża titratta dwar talba għal ħlas ta' danni sofferti mill-attriċi skont il-ftehim bejn il-partijiet li jipprovdi:

[13] Fol. 181, tal-proċess;

> "*29/3/22*
> *I Dennis Schwienbacher (563192M) owe Jaice Gatt (252399M) €7,000 for her Mazda Demio.*
> *This shall be paid after I have sold my property in Marsaskala.*"[14]

Dan id-dokument ġie ppreżentat mir-rikorrenti mal-avviż tagħha, u ġie kkonfermat mill-intimat meta huwa xehed quddiem din il-Qorti, u għalhekk il-veraċità ta' din l-iskrittura ġiet ikkonfermata mill-istess Partijiet.

Illi l-intimat ressaq l-eċċezzonijiet tiegħu fejn eċċepixxa n-nullità tal-iskrittura li fuqha qiegħda tibbaża t-talba tagħha r-rikorrenti.

Illi din il-Qorti tirreferi għall-fatt li fl-avviż ir-rikorrenti ppremettiet li l-kawżali huma danni sofferti minnha u skont il-ftehim li annettiet mal-avviż innifsu. Illi min-naħa tiegħu l-intimat laqgħa għat-talba billi b'riferenza għall-ftehim ippreżentat fejn huwa eċċepixxa li l-ftehim imsemmi għandu mankanti l-kawża u l-oġġett tal-ftehim.

Illi din il-Qorti kkunsidrat dak li pprovdiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'riferenza għal kif għandha tiġi ntavolata kawża: "*(i) l-attur għandu jidentifika l-oġġett tal-kawża billi jiddikjara r-raġuni għala jkun qiegħed jitlob dak l-oġġett; (ii) dak l-oġġett u dik ir-raġuni jridu jkunu mfissrin ċar u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raġuni(jiet) kif premess fl-att taċ-ċitazzjoni; u (iv) li dawn l-elementi għandhom jirriżultaw mill-att ġudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigħ tal-kawża.*"[15]

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dak premess fl-avviż u d-dokument anness miegħu, kif ukoll fir-risposta tal-intimat, kif ukoll it-tagħlim tal-Qrati nostrana, jirriżulta li minkejja li fir-rikors promotur jissemmew id-danni, l-azzjoni hija waħda kontrattwali bejn il-partijiet regolata bl-iskrittura ffirmata mill-istess partijiet datata "29/3/22".

Illi b'referenza għall-elementi rikjesti mill-liġi biex ikun jeżisti ftehim viġenti, l-artikolu 966 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

> "*Ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:*
> *(a) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;*
> *(b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu;*
> *(ċ) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt;*
> *(d) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu.*"

[14] Fol. 2, tal-proċess;
[15] Angelo Fenech et. vs. Pawlu Grech et - Ċitazz Nru: 2627/2000JRM – deċiż 24 ta' Settembru 2001;

Fil-każ in eżami l-intimat qiegħed iressaq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu li l-iskrittura ma hijiex ftehim stante li għandu mankanti l-kawża u l-oġġett tal-ftehim.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dak eċċepit mill-intimat fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu stante li l-iskrittura msemmija tipprovdi l-kawża u l-oġġett tal-ftehim huwa li l-intimat qiegħed jobbliga ruħu jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €7,000 għal Mazda Demio, u dan kellu jagħmlu hekk kif ibiegħ il-proprjetà tiegħu f'Marsaskala.

Għaldaqstant ma hijiex qiegħed tiġi milqugħa din l-ewwel eċċezzjoni, u dana peress li l-oġġett tal-kuntratt huwa kjarament inkluż fil-ftehim tal-Partijiet.

Illi huwa magħruf li kuntratt magħmul regolarment, jitqies bħala liġi bejn il-partijiet[16], u a bażi tal-prinċipju abbraċċjat mill-Qrati nostrani *pacta sunt servanda* u l-vinkolu u l-obbligazzjonijiet imwielda b'xi kuntratt ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula unilateralment.[17]

Illi flimkien ma' dan hemm ukoll il-bona fidi tal-Partijiet li għandhom jaraw li l-obbligi assunti minnhom permezz ta' ftehim li jkunu għamlu flimkien jiġu eżegwiti minnhom. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Luca Toccafondo vs Sara Grech Limited,[18] fejn ġie mfakkar hekk:

> "*Il-qorti tqis li hija regola fundamentali tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi li ġġib magħha tali obbligazzjoni (ara l-artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-partijiet għall-kuntratt għandhom jiżguraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt isseħħ f'armonija ma' dak li huma raġonevolment kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-operazzjoni ekonomika ta' bejniethom (ara Saviour Muscat v. Sam Pantalleresco, Appell Inferjuri, 20 ta' Novembru, 2009 u Gloria mart Jonathan Beacom et v. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998)*."

[16] Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili;

[17] Four X Ltd vs. Mediterranean Flowers Products Ltd – Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) – App Ċiv Nru: 104/2010/1 – deċiż nhar il-11 ta' Frar 2021 (kkonfermata wkoll wara tentattiv ta' ritrattazzjoni nhar il-14 ta' Diċembru 2022); FS Design Limited vs. Adrian Fenech u Roberta Fenech – Qorti tal-Maġistrati (Malta) – Avviż 145/2023JG – deċiż nhar is-17 ta' Marzu 2025;

[18] Rikors Ġuramentat Numru: 796/2018, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Ottubru 2022 (mhux appellata), Imħallef Onor. Christian Falzon Scerri;

Illi mix-xhieda mogħtija mill-partijiet infushom kif ukoll minn missier ir-rikorrenti, irriżulta li l-ħsieb tal-partijiet meta saret l-iskrittura kien li l-intimat iħallas lir-rikorrenti somma flus għal karozza.

Illi l-kliem tal-Partijiet fl-iskrittura privata datata 29 ta' Marzu 2022, huwa ċar u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel xi suppożizzjonijiet dwar dak li kien verament miftiehem u għandha toqgħod fuq il-kliem stess li ntuża mill-istess Partijiet fil-ftehim li huma kitbu u għażlu li jiffirmaw.

Illi hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għat-tielet eċċezzjoni mressqa mill-intimat, fejn qal li dak li ngħad fl-iskrittura ippreżentata sar taħt pressjoni, u għalhekk qiegħed jallega li l-kunsens kien wieħed ivvizzjat.

Illi l-Qorti tirreferi għall-prinċipju ta' *incumbit probatio qui dicit non qui negat*, u ttireferi għall-ġurisprudenza nostrana li tipprovdi li "*il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.*"[19]

Illi l-intimat xehed li meta aċċetta li jagħmel il-ħlas tas-somma msemmija kien għadu f'relazzjoni mar-rikorrenti, u li meta ffirma l-iskrittura kien iddispjaċut u fi kliemu "taħt trawma u taħt xokk"[20], iżda l-Qorti tqis li ma nġiebet ebda prova tat-trawma u x-xokk li seta' vvizzja l-kunsens tal-intimat meta huwa ffirma l-iskrittura privata mertu ta' din il-kawża, li kienet imħejjija mill-intimat innifsu, u dan kif stqarr huwa stess fix-xiehda tiegħu.

F'dan is-sens issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet Philip Borg Cardona et. vs. EFW Limited et[21] fejn ġie ritenut hekk:

> "*Il-kliem użat fl-iskrittura huwa sempliċi u ċar b'mod li t-tifsira li wieħed jista' jagħti lill-kontenut ta' dan id-dokument ma jħalli ebda lok għall-interpretazzjoni. Jista' jkun li l-konsegwenzi ta' dak li gie stipulat fl-istess skrittura jkollhom effett determinanti għar-relazzjonijiet kuntrattwali ta' bejn il-kontendenti qua sid u inkwilin rispettivament pero` ħadd ma ġiegħel lill-attur Philip Borg Cardona jiffirma d-*

[19] 2650/1999JRM - Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) – nhar is-26 ta' Settembru 2013;
[20] Fol. 47 tal-proċess;
[21] App. Ċiv. Nru. 96/2004/1 mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Diċembru 2010; Dan l-istess insenjament ġie wkoll segwit fis-sentenza fl-ismijiet Elmein Limited vs. Paul Bartolo (App. Ċiv. Nru. 829/2014/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar l-4 ta' Mejju 2022.

*dokument li kien qed jiġi preżentat lilu u jekk dan ma kienx ċert dwar il-konsegwenzi ta' dak li kien ser jiffirma seta', anzi kellu d-dmir li jikkonsulta ruħu ma' persuna legali jew kompetenti biex jistabilixxi l-effetti li tali skrittura kien ser ikollha. L-attur iżda naqas li jagħmel dan u assuma r-responsabbilita` huwa stess billi, wara li eżamina l-iskrittura – kif jirriżulta mill-fatt li nnota żball u għamel il-korrezzjoni meħtieġa, debitament inizzjalata – huwa iffirma l-istess. Illum għalhekk l-attur ma jistax imur lura minn dak li ġie miftiehem bonarjament għax forsi nduna li ma jaqbillux. "L-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti m'hijiex raguni ta' annullament ta' kuntratt". (PL Edoardo Frendo v. Antonio Chetcuti et PA 15/1/62)."*

Illi wkoll fir-rigward ta' din it-tielet eċċezzjoni, l-intimat ma ressaqx prova ta' xi proċeduri ġudizzjarji sabiex jattakka l-validità tal-iskrittura mertu ta' din il-kawża u b'hekk ukoll il-Qorti ssib li hija għandha tagħti effett għal dak hemm maqbul.

Illi għalhekk din il-Qorti qiegħda tiskarta wkoll din it-tielet eċċezzjoni mressqa mill-intimat, u ma tqisx li l-kunsens tal-istess intimat seta' b'xi mod kien ivvizzjat.

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis dak imressaq permezz tat-tieni eċċezzjoni u ċioè li l-ammont se mai dovut huwa ferm inqas stante pagament fil-mori.

Illi b'riferenza għall-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri vs. Martin Borg[22] fejn ġie ritenut:

"*…kif paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija bizzejjed, bħala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet*".

Illi l-intimat stqarr illi huwa kien ta sufan ġdid fjamant lill-attriċi, hu kien xtrah għall-post tiegħu ta' Marsaskala, iżda dan is-sufan kien baqa' għand Gatt. Huwa xehed li dan is-sufan kien jiswa €3000 u hu ma tħallasx għalih. Illi din id-dikjarazzjoni ma ġietx ikkontestata u kontradetta bl-ebda mod anqas waqt il-kontro-eżami li sar lill-intimat stess, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tirrikonoxxi dan bħala forma ta' pagament u se tieħu dan in konsiderazzjoni fil-parti deċiżiva ta' din is-sentenza.

---

[22] 478/2000/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri) deċiż nhar is-17 ta' Marzu 2003, Imħallef Onor. Philip Sciberras;

Illi l-Qorti wkoll ikkonsidrat li l-ftehim sar li l-pagament irid isir mill-intimat wara li jsir il-bejgħ tal-proprjetà tiegħu ġewwa Marsaskala. L-intimat *ex admissis* qal u kkonferma li din il-proprjetà inbiegħet fil-mori u għalhekk il-kundizzjoni sospensiva li l-pagament isir wara l-bejgħ tal-proprjetà ġiet sorvolata u indirizzata wkoll.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat, u tilqa' in parte t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara lill-intimat Dennis Schwienbacher debitur tar-rikorrenti Jaice Gatt fis-somma ta' erbat'elef Euro (€4000) u konsegwentement tikkundanna lil Dennis Schwienbacher iħallas lil Jaice Gatt is-somma ta' erbat'elef Euro (€4000), u dan bl-imgħax legali mis-26 ta' April 2023[23] sad-data tal-pagament effettiv.

Fir-rigward l-ispejjeż, dawn għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur

[23] Data tal-preżentata tal-avviż promotur;